# IL-KARATTRU

*Ta'* Tarcisio L. Xerri

Meta nitkellmu mill-karattru tal-bniedem m'għandniex nifhmu biss b'dawk l-għemejjel sbieħ li huwa jagħmel, iżda i il-motiv li jġiegħlu jagħmilhom. Il-karattru tal-bniedem mhux dejjem jista' jitqies mill-egħmil tiegħu, u hawn wieħed irid joqgħod attent li ma jfixkilx il-kondotta mal-karattru. Bosta drabi l-egħmil li wieħed jagħmel ma jkunx jaqbel ma' dak li tħoss, u hawn tista' tidħol l-ipokrisija. Jekk aħna naraw, ngħidu aħna, lil xi ħadd jagħti biċċa flus tal-fidda waqt ġabra, aħna nkunu naraw il-kondotta ta' dak li jkun qed jagħti ma' dak li jkun qed jiġbor. Imma b'daqshekk ma nkunux nistgħu niġġudikaw il-karattru tiegħu. X'kien li ġiegħlu jagħmel dak l-egħmil sabiħ ta' ħniena? Kien għax ħassu tassew li kellu jgħin jew biex jingħoġob ma' dak li kien qed jiġbor? Tah dik il-biċċa tal-fidda biex jagħmilha ta' fanfarun jew biex iġiegħel lil ħaddieħor jagħmel bħalu, u b'hekk is-somma tal-ġbir tikber iżjed? Kemm insibu nies mar-riġlejn li dak li jagħmlu jagħmluh għal għajnejn innies! Iżda b'daqshekk ma rridux ngħidu li m'hawnx min jagħmel għemil tajjeb għax tassew iħossu dmir. Biss aħna tal-fehma li l-karattru mhux dejjem jista' jintqies mill-egħmil.

Wieħed xjenzat Ingliż, Sir John Lubbock, igħid: "Biex il-bniedem jista' jimxi 'l quddiem fil-karriera tiegħu, għandu bżonn iktar ta' karattru milli għerf". U bir-raġun, għax bniedem ta' karattru biss jista' jterraq b'suċċess il-mixja ta' ħajtu, maħnuqa b'ħafna għollieq u xewk, biex fl-aħħar jilħaq il-quċċata mwarrda tal-fama.

Il-fiduċja, il-perseveranza, u l-onestà huma tlieta mill-ewienin sisien li fuqhom għandu jinbena l-karattru. Dan xeħduh u għadhom jixhduh iż-żminijiet kollha.

L-ewwel ħaġa li l-bniedem għandu jkollu hi l-fiduċja: fiduċja fih innifsu, u mbagħad inissel fiduċja fih ġo ħadd ieħor. Meta l-bniedem ma jkollux fiduċja fih innifsu, dan ikun ġej jew minn dik li l-psikoloġi jsejħulha "inferiority complex", jonkella minn nuqqas ta' ħila għax-xogħol li għalih imidd għonqu. Huwa għandu jagħmel minn kollox biex jirbaħ dawn iż-żewġ diffikultajiet. Għandu jwaħħal f'moħħu li l-bniedem beżżiegħi ma jista' jirnexxi qatt kif jixraq fix-xogħol tiegħu, u għandu dejjem jissielet kontra tiegħu nnifsu biex ineħħi minn fuqu dak il-biża' u dik il-mistħija li jirrenduh kważi imbeċilli. Jissieħeb f'organizzazzjo-

nijiet u f'soċjetajiet fejn jista' jiltaqa' ma' ħafna nies, jitħabbeb magħhom u jidra d-drawwiet tal-post fejn ikun. Wara li b'hekk ikun neħħa minn fuqu dan id-difett kbir, għandu jagħmel ħiltu kollha u jqatta' bi sħienu biex jimxi 'l quddiem fil-karriera tiegħu ħalli nies oħra jnisslu u jkollhom fiduċja fih. Ikun lest għal kull twegħir u tfixkil li jistgħu jinqalgħu fix-xogħol tiegħu, iġib quddiem għajnejh li x-Xorti mhix sejra tiftaħlu ħdanha kif ġieb u laħaq, u jekk stess toffrilu warda, din dejjem ikollha x-xewk magħha. Imbagħad meta jħoss qalbu mimlija bl-imrar, jonkella jħossu mgħaffeġ taħt it-toqol tal-ħajja, għandu jintefa' fi ħdan ittama sakemm fl-aħħar il-Fama tinfirex fuq rasu bħal qawsalla.

Iżda l-ambizzjoni ma għandha qatt tkun ir-raġuni ewlenija li wieħed jagħmel id-dmir tiegħu kif jixraq, u ma għandu qatt iħalliha tbeżżet f'qalbu. Fi kliem ieħor, il-bniedem m'għandux jagħmel biss ix-xogħol tiegħu biex jiġbed l-ammirazzjoni u l-fiduċja ta' ħaddieħor. Jagħmlu sewwa u bir-reqqa għax hekk jitlob dmiru. Kemm aktar iħossu kburi, kemm aktar iħoss il-kuxjenza kwieta meta jħares lejn ix-xogħol tiegħu magħmul sew u kif jixraq! B'liema soddisfazzjon dawk l-artisti ta' fama dinjija ħarsu lejn il-pittura tagħhom, skultura, u tiżjin ta' knejjes, ta' palazzi u bini ieħor pubbliku.

Jekk il-bniedem irid li n-nies ikollha fiduċja fih, hemm bżonn ikun ukoll raġel ta' kelmtu. Qabel ma jagħti l-kelma jew iwiegħed xi ħaġa, għandu jara qabel xejn jekk jistax ikompli dik il-wegħda. Allura jeħtieġlu qabel xejn jaħsibha sewwa qabel ma jagħti l-kelma, għax jekk ma jkomplix dak li jkun wiegħed, jitqies raġel bla karattru.

Ix-xogħol tajjeb u fejjiedi minn dejjem kien ir-riżultat talperseveranza. X'jiswa li wieħed imidd għonqu għax-xogħol b'rieda tajba, jekk imbagħad jieqaf f'nofs triq? X'xorta ta' karattru jista' jissejjaħ ta' dak il-bniedem li jibda tajjeb u jispiċċa mod ieħor? Igħidu li l-ġenju huwa setgħa għall-ħidma soda u perseveranti, għalkemm il-ħidma soda u perseveranti ma tibdilx il-bniedem f'ġenju. Iżda jidher ċar li d-drawwa tal-perseveranza soda dejjem għenet 'il bniedem biex iterraq il-mixja ta' ħajtu għas-suċċess.

Jekk naqbdu f'idejna l-istorja ta' l-invenzjonijiet, aħna nsibu li dawk kienu kollha l-frott tal-perseveranza fi studju kbir, provi, u qlubija żonqrija. Fost l-invenzjonijiet u kixfiet, aħna nsibu l-istîm li nafuh lil James Watt; l-avjazzjoni lill-aħwa Wright; it-telefonn lil Alexander Graham Bell; il-"Morse Code" lil

Morse; ir-radju lil Hertz, lil James Maxwell u lil Marconi; il-kalamita lil Benjamin Franklin; it-telescopju lil Roger Bacon, lil Galileo, lil Hadley u il Herschel; il-mikroskopju lil Jansen; il-mikrofonu lil Hughes; l-istamperija lil John Getenburg; l-"X-Rays" lil Rongten ta' Wirtzburg; iċ-ċinematografu lil Friese-Greene, u t-televiżjoni lil Baird.

Fost it-tobba, aħna nsibu lil Sir James Simpson li sab il-kloroform; lil Dr. Jenner, it-tilqima kontra l-ġidri; lil Sir Almroth Wright, it-tilqim kontra t-tifu, u bosta oħrajn.

Insibu wkoll awturi tal-mużika bħal Verdi, Wagner, Weber, Beethoven, Mozart, u oħrajn, li bil-pinna lieżma u ħelwa tagħhom tawna mużika klassika li hija, biex ingħidu hekk, il-benna tal-qalb. Dan biex ma noqogħdux insemmu awturi oħra ta' kitba klassika bħal Shakespeare, Shelley, Keats, Milton, Sir Walter Scott, Charles Dickens, u bosta u bosta oħrajn.

Dawn kollha taru fuq il-ġwienaħ tal-ħsieb u tal-fantażija u xejn ma qatgħu qalbhom quddiem id-dlamijiet tad-diffikultajiet. Min jista' jgħid dawn ix-xmux, li s-sħana tagħhom għadna nħossuha al-lum, kemm ħadmu mis-sebħ sad-dlam, f'ħidma iebsa u tqila, fis-sikta ta' kamrithom miksura biss mit-tektik ta' demmhom f'qalbhom. Iżda huma kienu żguri li r-rebħa aħħarija tkun tas-Sewwa, għaliex is-Sewwa ħadd ma jista' għalih. Kellhom fiduċja kbira fihom infushom, u kienu juru li l-perseveranza twitti l-qilla ta' kull tfixkil u tweghir. L-imrar ta' qtigħ il-qalb qatt ma xxettel jew tnibbet f'qalbhom, anzi t-tama u l-għaqal kienu sħabhom minn dejjem. Il-ħrara tagħhom għax-xogħol kienet dejjem tħaġġeġ f'qalbhom bħal xrara nar li ma tintefa b'xejn. Xorta ta' nies bħal dawn tawna prova l-aktar ċara li l-persevernza tirbaħ kull tfixkil. Huma kellhom kunfidenza kbira fl-ideat tagħhom, u ipperseveraw fl-esperimenti jew kitbiet tagħhom sakemm kellhom il-ħila juru dak li d-dinja kienet taħseb impossibbli. Karattru ta' din ix-xorta bilkemm jista' jitwemmen. Għalkemm dawn in-nies mietu, u ġisimhom tmermer taħt it-trab, isimhom ma mietx. Ix-xogħol tagħhom ma tkeffinx magħhom, iżda writnieh aħna, tlaħħam magħna, u għadu ħaj fi qlubna.

Xhieda oħra ta' perseveranza żonqrija kienet dik ta' wieħed Franċiż li kien jaħdem il-fuħħar. Dan kien Bernard Palissy, li kien igħix fis-seklu sittax. Biex jikxef mniex hu magħmul il-verniċ ta' fuq il-kina, ħela flusu fil-ħatab biex jaħraq il-kina kollha li sab, u meta ma kienx fadallu flus iżjed, beda jaħraq l-għamara tad-dar, u ma kienx kuntent sa ma rnexxa fil-kixfa tiegħu. Huwa

sab kif isir l-enamel abjad, u baqa' magħruf għal din il-kixfa. Wara bena fabbrika tal-porċellana f'Pariġi li kienet taħt il-ħarsien tal-Familja Rjali.

U xi ngħidu għal dik il-perseveranza erojka li wasslet mijiet ta' eluf ta' martri f'ħalq il-mewt biex ma jiċħdux id-din tagħhom? Xi swew il-wegħdiet fiergħa ta' l-imperaturi biex iġegħluhom jiċħdu dinhom u joffru l-libien 'l allat qarrieqa tal-ġebel? Min jista' jifhem it-tbatijiet, imfasslin bl-akbar ħruxija, li batew? Iżda huma baqgħu sodi fil-karattru tagħhom, u għalkemm bosta minnhom kienu għadhom fi fjur żgħożithom, ma stmerrewx it-tgħannieqa kiesħa tal-mewt, u bil-palma tal-martirju f'idejhom, ittajru għal ħdan il-Mulej biex jieħdu l-ħlas ta' għemilhom. Nies bħal dawn kienu u għadhom mafkar ħaj ta' xhieda l-aktar qawwija ta' karattru sod.

Il-perseveranza m'għandhiex tkun biss f'dawk ix-xogħlijiet kbar li jgħollu 'l-bniedem fuq il-quċċata tal-fama. Għandha tkun ukoll f'kull xogħol xieraq ta' liema għamla li tkun, tibda mix-xogħol tal-mara tad-dar u tispiċċa fl-aktar xogħol sempliċi. Nieħdu l-omm, bil-perseveranza tagħha fit-trobbija xierqa ta' wliedha tkun qed ixxettel familja ta' karattru b'mod li 'l quddiem dawn uliedha ikunu jistgħu jieħdu l-aħjar post fis-soċjetà. Il-bniedem għaqli għandu jġib quddiem għajnejh li x-xogħol tiegħu, baxx kemm hu baxx, basta xieraq, qatt ma jħammar il-wiċċ. Xogħlu hu meħtieġ daqs dak ta' l-aqwa bniedem, għax fid-dinja kollox hu ta' ħtieġa.

Il-fiduċja u l-perseveranza, li jifformaw karattru sod fil-bniedem, aktar jissaħħu meta jkunu mseħbin mill-fjur sabiħ ta' l-onestà. L-onestà hija dik il-virtù safja bla nikta li tfewwaħ u tbajjad f'qalb il-bniedem bħalma jfewwaħ u jbaajjad il-ġilju fil-widien. L-onestà ma tidħolx biss fl-ilbies, fil-ħsieb, fil-kliem, fl-egħmil, u fil-maniera, iżda wkoll fil-karattru; u minn din ix-xorta ta' onestà rridu nitkellmu. Meta l-onestà titbiegħed mill-karattru l-qalb tal-bniedem tfur b'kull għamla ta' taqriq, ħażen, u għelt. Il-bniedem m'għandu jagħmel ebda ħaġa li minnha wara jkollu jistħi. Il-ferħ u s-suċċessi ma nsibuhomx f'dawn l-għemejjel. "Honesty is the best policy", jgħidu l-Ingliżi, u din il-frażi tiswa għaż-żminijiet tal-lum daqs kemm kienet tiswa meta nkitbet. Bniedem mhux onest mhux ta' min jafdah għax il-lum jew għada iqarraq bik mingħajr ma tinduna. B'sogħba kbira jkollna ngħidu li l-lum ftit jew xejn insibu onestà fil-karattru. Kemm insibu nies li jissieltu għall-jeddijiet tagħhom, imbagħad

ftit jimpurtahom mid-dmirijiet taghhom lejn ħadd ieħor! Kemm kalunnji u malafami mfasslin b'sengħet ix-xitan! Kemm għemejjel faħxin, magħġuna mill-mibegħda, u moħmija fil-qerq u fil-ħżunija!

"Hominis est errare". Li wieħed jiżbalja, fiha u ma fiħiex, għax mal-waqgħa fid-dnub il-bniedem tilef dawk il-kwalitajiet sbieħ tal-perfezzjoni. Il-ħażin hu, li wieħed jiżbalja, jagħraf l-iżball tiegħu u jibqa' fih. Dan mhu xejn karattru ta' min ifaħħru. Malli l-bniedem jinduna li żbalja, huwa fid-dmir li jagħraf l-iżball tiegħu, u jsewwi mill-aħjar li jista' l-ħsara li jkun għamel. Il-kittieba kbar kollha jaqblu bejniethom li l-onestà hija s-sies ewlieni li fuqu għandu jinbena l-karattru tal-bniedem Biex il-bniedem ikun onest ma' ħadd ieħor, għandu, qabel xejn, jitgħallem ikun onest miegħu nnifsu. Shakespeare, dak il-poeta Ingliż, li bil-kitba tiegħu fetaħ u dawwal l-imħuħ ta' bosta nies, igħid:

"This above all, to thine own self be true,
And it must follow, as the night the day,
Thou canst not then be false to any man."

Wieħed għandu dejjem jiftakar li l-karattru għandu jifforma ruħu fil-bnieedm minn meta dan ikun għadu żgħir. Hawn jidħol id-dmir tal-ġenituri, għalliema u edukaturi, li joqogħdu b'seba' għajnejn fuq dawk li Alla fdalhom f'idejhom. Is-siġra għandha tiddritta ruħha meta tkun għadha xitla, meta z-zokk ikun għadu tari u artab. Hekk ukoll fil-bniedem. Huwa għandu jitgħallem li jkun fiduċjuż, perseveranti u onest minn ċkunitu. Poeta ieħor Ingliż, William Wordsworth, darba kien qal: "The boy is the father to the man". Aħna ngħidu li: "It-tifel tal-lum huwa r-raġel ta' għada." Dan ifisser li d-drawwiet li nifformaw fina meta nkunu għadna żgħar, jiffiguraw il-karattru ta' meta nsiru rġiel. Tifel ta' karattru sod minn ċkunitu, ikun raġel ta' karattru sod meta jikber.